6 ta' Marzu, 1954.

Imħallef :
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Mary Simiana

## Disturb ta' l-Ordni Publiku — Glied — Offiżi — Provokazzjoni — Kontravvenzjoni — Art. 352 (bb) tal-Kodiċi Kriminali

*Ir-reat ta' ksur tal-bon ordni publiku bil-glied bażat fuq l-inċiż (bb) ta' l-art. 352 tal-Kodiċi Kriminali jirrikorri meta l-istess jkun akkompanjat minn att li jnekki jew inaqqas l-opinjoni tas-sikurezza publika jew tas-sikurezza individwali. Jekk, imbagħad, dak l-att ikun segwit minn glied u offiżi fuq il-persuna, l-istess att jiġi assorbit fl-imputazzjoni tal-glied u offiżi.*

*Kull offiża fuq il-persuna għandha tiġi meqjusa għaliha, stante li l-konsegwenzi legali jistgħu jkunu diversi skond ix-xorta ta' l-offiżi; u ma jistgħux l-offiżi kollha jitqiesu globalment. Għalhekk ma jistgħux diversi offiżi ta' natura ħafifa u ta' ftit importanza jitqiesu flimkien bħala offiża waħda ta' natura ħafifa.*

*Il-provokazzjoni ta' qabel tiġi rikjamata, u ssir valida għall-fatt sussegwenti, meta jkun hemm xi ċirkustanza ġdida li tirrikjamaha.*

*Huwa veru li għall-kontravvenzjonijiet l-element psikiku hu sodisfatt bis-sempliċi volontarjetà, bla ma jeħtieġ l-element doluż; imma hemm bżonn dejjem li l-imputat ikun ried il-fatt.*

L-imsemmija Simiana ġiet imressqa quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fuq erbgħa imputazzjonijiet: (a) li kisret l-ordni publiku bil-għied; (b) li fl-istess għieda għamlet feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Anne Borg; (c) li għamlet ħsara volontarja fuq il-libsa ta' l-imsemmija Borg; (d) li b'daqshekk esponietha indeċenti (sic) fil-publiku;

Bis-sentenza tagħha tas-7 ta' Jannar, 1954 dik il-Qorti sabitha ħatja u kkundannatha £5 ammenda;

L-imputata appellat;

Trattat l-appell, ikkunsidrat;

Il-fatti huma sempliċi, però sinifikativi u li jimportaw konsegwenzi legali li ġew għal kollox trasandati fis-sentenza appellata. Il-Maġistrat ipproċeda daqs kieku kien fatt "sic et simpliciter", bla ċirkustanzi konkomitanti ta' xejn;

Ftit granet qabel l-inċidenti li taw lok għall-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputata, dik kienet qabdet lill-żewġha f'sitwazzjoni kompromettenti — biex wieħed jgħid lanqas — mal-pretiża offiża Anne Borg. Ix-xhieda stess ta' Anne Borg, l-inverosimiljanza ta' l-ispjegazzjoni li tat ta' meta marret ma' żewġ l-imputata, hi l-aħjar illustrazzjoni tal-kwadru tal-każ. Naturalment, l-imputata, offiża b'dik il-kondotta ta' żewġha u ta' Borg, kienet talli eċċitament kbir, li kien jidher li għadu fuqha anki meta xehdet quddiem din il-Qorti. Dak inhar tal-każ, Anne Borg, x'hin ħarġet mingħand il-Kappillan, qalet il-kliem "irranġajna kollox" lil xi ħabiba tagħha, b'mod li l-imputata semgħetha; u din ħabtet għaliha;

Kwantu għall-imputazzjoni ta' ksur tal-bon ordni publiku bil-għied, bażata fuq l-inċiż (bb) ta' l-art. 352 Kap.

12, din il-Qorti kellha diġà okkażjoni tiddeċidi, fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza stabbilita mill-Prim Imħallef Sir Adrian Dingli fis-sentenza App. Krim. "Pol. vs. Bugeja", 10 ta' Ġunju, 1890 (ara App. Krim. "Pul. vs. Scinto et.", 13.2.54), li dak l-inċiż ma hux qiegħed għall-każ tas-sikurezza pubblika jew individwali. F'dan il-każ, l-att ta' l-imputata seta' jnaqqas l-opinjoni tas-sikurezza individwali ta' Anne Borg, imma preċiżament bħala tali hu assorbit fl-imputazzjoni l-oħra tal-ġlieda u ta' l-offiżi fuq il-persuna. Kieku ma kienx hemm il-fatt susseġwenti tal-ġlieda u ta' l-offiżi, allura dik l-imputazzjoni — dejjem interpretata kif fuq ingħad, u mhux bħala imputazzjoni ta' storbju — kienet toqgħod weħedha bħala imputazzjoni "per sè stante": imma, bil-fatt susseġwenti tal-ġlieda effettiva u ta' l-offiżi, ġiet assorbita fl-imputazzjoni l-oħra, għaliex diversament l-istess fatt ikun qiegħed jiġi addebitat darbtejn. Għalhekk, dik l-imputazzjoni għandha tiġi eskluża;

Kwantu għall-imputazzjoni tal-ġlieda u ta' l-offiżi fuq il-persuna ta' natura ħafifa, hu fatt li l-imputata aggrediet lil Borg u kkaġunatilha feriti. Iżda t-tabib, li rilaxxja ċ-ċertifikat, issa qal li kull waħda mill-offiżi kienet ta' natura ħafifa u ta' ftit importanza, u li hu, fiċ-ċertifikat fol. 2, ikkonkluda "I consider such a lesion of a slight nature", għax qies l-offiżi kollha globalment. Issa, dan ma hux korrett legalment; għaliex kull offiża għandha titqies għaliha, peress li l-konsegwenzi legali jistgħu jkunu diversi skond ix-xorta ta' l-offiża. Kien ikun, per eżempju, straordinarju kieku kellu jiġi ammess dan il-prinċipju, li diversi offiżi ljevi jitqiesu fil-kumpless tagħhom offiża gravi, mentri l-liġi tgħid x'inhuma offiżi ljevi u x'inhuma offiżi ljevi u ta' ftit importanza (art. 229-230-235 (1) u (3) Kap. 12). Għalhekk għandu jiġi ritenut, skond il-liġi, li l-offiżi huma kif issa ddikjarahom fix-xhieda tiegħu t-tabib, ċjoè ta' natura ħafifa u ta' ftit importanza;

Issa, ma hemmx dubju li f'dan il-każ kien hemm il-provokazzjoni. Inutili jingħad li l-fatt ta' l-iskoperta tat-treska ma' Anne Borg kien ġranet qabel; għaliex dan in-nhar ta' l-inċident kien hemm fatt ġdid li rrikjama l-fatt ta' qabel u

reġġgħa attiva l-provokazzjoni. Borg, dan inhar ta' l-inċident tal-għieda, qalet il-kliem "irranġajna kollox". Dawk il-kliem setgħu jfissru dak li qalet Borg; imma setgħu wkoll ikunu botta għall-imputata, u ċert li, kienu x'kienu, l-imputata kienet ġustifikata li tifhimhom bħala botta għaliha, molto più li Borg ma kellhiex għalfejn tithaddet tgħajjat b'mod li, kif stqarret hi stess, semgħetha l-imputata, jekk hi kienet qiegħda tgħid lill-ħabiba tagħha dawk il-kliem fis-sens li l-kappillan kien iffirmalhom il-passaport. Imbagħad, għalfejn qalet dawk il-kliem lill-ħabiba tagħha, jekk din kienet marret magħha għand il-kappillan, u kwindi kienet taf li l-passaport kien firmat, u ma kellhiex bżonn dik l-informazzjoni? Issa, hu risaput li l-provokazzjoni ta' qabel tiġi nikjamata, u ssir valida għall-fatt sussegwenti, meta jkun hemm xi ċirkustanza ġdida li tirrikjamaha. Għalhekk, għandu jiġi ritenut li l-offiżi fuq il-persuna, kaġunati mill-imputata lil Anne Borg, kienu ta' xorta ħafifa u ta' ftit importanza, u li r-reat hu skużabbli minħabba provokazzjoni, u li kwindi huma applikabbli l-pieni tal-kontravvenzjonijiet;

Kwantu għall-imputazzjoni ta' ħsara involontarja fuq il-libsa, din tirriżulta; iżda hemm il-provokazzjoni għaliha wkoll fis-sens li fuq ingħad, u għalhekk huma applikabbli l-pieni tal-kontravvenzjonijiet skond il-proviso ta' l-art. 339 Kap. 12;

Kwantu għall-imputazzjoni li l-imputata esponiet lil Borg indeċenti (sic) fil-publiku, hu veru li fil-kolluttazzjoni l-imputata ġibdet il-jersey ta' Borg u ħallietha bir-reġġipetto biss; iżda hu sempliċement assurd li dan il-fatt, inċidentali tal-għieda stess, u kompenetrat fiha, jitqies bħala fatt indipendenti li jikkostitwixxi l-kontravvenzjoni kontemplata fl-art. 352(2) Kap. 12. (Għall-kontravvenzjonijiet hu veru li l-element psikiku hu soddisfatt bis-sempliċi volontarjetà, bla ma jeħtieġ l-element doluż; imma hemm bżonn dejjem li l-imputat ikun irid il-fatt (Appell Kriminali "Pulizija vs. Gauci", 14 ta' Novembru, 1936). Issa, l-imputata ma riedetx il-fatt li tneżża lil Borg, iżda riedet il-fatt li tagħtiha xebgħa, u fix-xebgħa li tagħtha ingibed minn fuqha l-jersey ta' Borg;

*Għalhekk il-Qorti tiddeċidi;*

Billi tilliibera l-imputata miż-żewġ imputazzjonijiet ta' ksur tal-bon ordni publiku bil-għlied u ta' l-espożizzjoni indeċenti, u tiddikjaraha ħatja biss ta' offiżi volontarji fuq il-persuna ta' Anne Borg ta' natura ħafifa u ta' ftit importanza, iżda skużabbli minħabba provokazzjoni, u ta' ħsara volontarja fil-libsa ta' l-imsemmija Borg, ta' ammont mhux aktar minn £3, ukoll skużabbli minħabba provokazzjoni; u tikkundannaha għal *kull* wieħed minn dawn iż-żewġ reati, wara li *ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi* kollha *tal-każ, u wara li rat l-art.* 235(3), 244(b), 246(c), u 339(d) Kap. 12, għall-piena ta' ammenda ta' 2s.6d., b'kollox 5s. U b'dan il-mod irriformat is-sentenza appellata u ddisponiet mill-appell.